Apprezzament

# Ħsibijiet dwar Charles Clews



*Charles Clews*

Flimkien magħkom il-qarrejja nixtieq naqsam ftit ħsibijiet dwar il-persuna ta' Charles Clews li f'din il-ħarġa mhux sa jikteb bħas-soltu peress li ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar il-Ħamis, 29 ta' Jannar, 2009.

Is-Sur Charles Clews li għamel żmien twil jgħix f'numru 22, Bull Street, Bormla kien bniedem rett u tal-familja. Min jaf kemm kont nibgħatlu ċajtiet sabiex jixxandru fuq ir-Redifusion għall-kompetizzjoni tal-isbaħ ċajta ! Charles kien bniedem nadif li kien dejjem iferraħ lin-nies b'ċajt onest u qatt ma niftakar li uża kliem doppju sens.

Għadni niftakar lil Charles fil-Knisja ta' Santa Tereża, Bormla fejn għamel żmien twil jaqra fil-quddies tas-6.30 p.m. u wara, meta kien jibda x-xahar ta' Novembru, kien saħansitra jibda jgħallem lit-tfal żgħar il-priedka tal-Milied bil-mossi, bl-aċċent u bil-kisra tal-kliem. Lit-tifel tiegħi kien għallmu bid-dettalji kollha l-Priedka tal-Milied tas-sena 1985.

Bħalma ġa ktibt qabel, Charles kien kittieb regolari tal-ktejjeb '*Leħen il-Banda San Ġorġ* 'li kien ħareġ l-ewwel darba f'Diċembru 1969 fl-okkażjoni tal-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Belt Cospicua.

L-aħħar artiklu tiegħu kien fil-ktejjeb ta' Diċembru li għadda meta kien kiteb artiklu bl-isem '*Forsi tgħallimna nkantaw mill-Għasafar*?' Dan l-artiklu kien bagħtuli f'Jannar 2008 fejn qalli li qed jibgħat dan l-artiklu kmieni minħabba li qiegħed jikber fl-età biex jekk jilħaq imut ikun jista' jkun ippubblikat xorta waħda. Mur għidlu li fil-verità kellu jkun l-aħħar artiklu tiegħu!

Tajjeb li tissemma' triq li għal dan il-personaġġ magħruf ma' dawn il-

gżejjer, b'mod partikolari it-triq fejn għex għal bosta snin, Nru 22 Triq ir-Regatta (qabel Bull Street), Bormla

Kien għalhekk tassew xieraq li rappreżentanza mill-Kumitat tal-Banda San Ġorġ tkun preżenti waqt l-aħħar tislima li saret fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla. Jien għandi tama qawwija li dan ħuna Charles diġa' qiegħed jistrieħ fis-sliem etern, għalkemm dejjem jibqa' d-dover tagħna li niftakru fih fit-talb tagħna. Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

**ROSARIO (Louis) SPITERI**
Segretarju Ġenerali



*Is-Sur Charles Clews jirċievi rigal ta' apprezzament mingħand Sunny Aquilina li kien Viċi President.*

